**6 ta' Awissu, 1993**

**Imħallfin: –**

**S.T.O. Prof. Giuseppe Mifsud Bonnici LL.D. – President**
**Onor. Joseph A. Herrera Bl.Can., Lic.Can., LL.D.**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**

Lawrence Cuschieri

*versus*

L-Onorevoli Prim Ministru *et*

**Kostituzzjoni – Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem – Rikuża – Smigħ Xieraq**

*Appell minn deċiżjoni tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili f'liema ġie allegat li ma ġiex lilu mogħti smigħ xieraq mill-Qorti. Quddiem il-Qorti Kostituzzjonali r-rikorrent kien irrekuża lill-Imħallfin sedenti. Il-Qorti laqgħet dik ir-rekuża.*

*Fil-liġi l-aspett soġġettiv ta' l-operat ta' l-Imħallef m'humiex ikkunsidrati sindakabbili. Jekk mhux f'Qorti tat-tieni grad. Għalhekk skond il-liġi ma jistax ikun hemm rekuża ta' Imħallef fuq din il-bażi. Il-Qorti però, għab-bażi tal-Konvenzjoni Ewropeja, akkoljiet l-eċċezzjoni tar-rikuża billi l-allegazzjoni u pretensjoni tar-rikorrent kienet diretta kontra l-operat tagħhom stess.*

1. Din id-deċiżjoni hija limitata għall-konsiderazzjoni tar-rikuża tat-tlett imħallfin komponenti din il-Qorti, ippreżentata mir-rikorrent fir-risposta tiegħu tas-17 ta' Awissu, 1992, għat-termini ta' l-art. 734(e) Kap. 12;

2. Waqt li r-rikorrent kien qed jiġi assoġġettat għall-kompilazzjoni fi proċeduri kriminali quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta), huwa ssolleva kwistjoni kostituzzjonali li ġiet irreferita, u sussegwentement deċiża, minn din il-Qorti, fit-8 ta' Jannar, 1992;

3. Fil-preżenti kawża, l-istess Lawrence Cuschieri qiegħed jallega li din il-Qorti, fl-ewwel kawża, illediet id-dritt tiegħu ta' smigħ xieraq, u issa, f'dan l-istadju ta' appell, allura, billi t-tlett imħallfin komponenti din il-Qorti kienu l-istess imħallfin li ddeċidew l-ewwel waħda, huma qed jiġu rekużati;

4. L-artikolu invokat – 734(e) Kap. 12, jgħid:

"L-imħallef jista' jiġi rekużat jew jista' jastjeni ruħu milli joqgħod fil-kawża"...*omissis*...;

(e) jekk hu, jew il-mara tiegħu, jew ir-raġel tagħha, ikollhom interess dirett jew indirett dwar kif tinqata' l-kawża";

Huwa ċar, sempliċi u manifest illi l-"interess" li ssemmi l-liġi huwa xi kwalità ta' gwadan li jista' jagħmel l-imħallef, jew il-konjugi, mill-eżitu, pożittiv jew negattiv, ta' kawża u m'għandu assolutament xejn x'jaqsam l-attakkament o meno li qed jipprospetta r-rikorrent, li, t-tlett imħallfin għandhom jew jista' jkollhom, mas-sentenza li huma ppronunzjaw;

Il-ġurisprudenza, fuq daqshekk, sa l-1931, kienet skarsa, imma l-intendiment tas-subinċiż ġie eżaminat fis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża Strickland *vs* Mizzi deċiża fl-20 ta' Mejju, 1931, u ribadita fis-sentenza, verament eżawrjenti u awtorevoli ta' l-istess Qorti tas-17 ta' Lulju, 1934, fl-istess

ismijiet, li minnha, huwa opportun li jiġi kkwotat dan il-bran:

*"Che però al silenzio della giurisprudenza locale, supplisce la dottrina, la quale è concorde nel ritenere che l'* ***interesse*** *che la legge eleva a motivo di ricusazione od astensione non doversi intendere in senso generico e lato. "È opportuno osservare" rileva il Mortara "che può trattarsi di un interesse giuridico o patrimoniale di qualunque specie,* ***da non confondere coll'interesse processuale; il semplice interesse morale, che è d'incerta verificazione e di misura indeterminata, non è contemplato dalla legge"****. (Vol. XXVIII.II.667);*

5. Għalhekk, ir-rikuża kif proposta mir-rikorrent, m'hijiex, skond il-liġi;

6. Li però għalkemm skond l-art. 733 Kap. 12, it-tlett imħallfin sedenti ma jistgħux lanqas jastjenu ruħhom milli joqogħdu fil-kawża, għal xi waħda mir-raġunijiet imsemmija fl-art. 734 Kap. 12, u l-ebda waħda minn dawk ir-raġunijiet ma tirrikorri f'dan il-każ, huma xorta waħda se jastjenu milli jieħdu konjizzjoni tal-kawża u dan għall-motivi li ġejjin;

7. F'din il-kawża, il-pretensjoni għandha prinċipalment, żewġ aspetti. Ta' l-ewwel, hija jekk huwiex ġuridikament possibbli li l-operat tal-Qorti Kostituzzjonali jiġi sindikat – u fuq din il-kwistjoni importanti, ċertament l-imħallfin sedenti, speċjalment għaliex huma l-imħallfin li normalment jikkomponu l-Qorti Kostituzzjonali, għandhom l-obbligu li jikkonsidraw u jiddeċiduha. Din **l-oġġettiva** ta' l-ewwel aspett, però, hija kkolorita mit-tieni aspett, peress illi l-azzjoni tistrieħ fuq l-allegat komportament ta' l-imħallfin waqt l-ewwel kawża u li dan il-komportament suppost li illeda d-dritt ta' smigħ xieraq. Għat-

tlett imħallfin sedenti dan l-aspett **soġġettiv** tal-kwistjoni qed iwassalhom biex, *ancorchè* mhux strettament awtorizzati mil-liġi, huma qegħdin jastjenu mill-kawża;

8. Din is-sitwazzjoni anomala nħolqot inkwantu l-aspett **soġġettiv** ta' l-operat ta' imħallef, fil-liġi, m'huwiex ikkonsiderat sindakabbli jekk mhux f'Qorti tat-tieni grad – u allura ma jistax ikun hemm kwistjonijiet ta' rikuża jew astensjoni. Alternattivament, dawn jirrikorru meta l-imħallef jew l-imħallfin ikunu l-leġittimi kontradditturi ta' l-azzjoni;

9. Illi, però, issa, li partijiet sostanzjali tal-Konvenzjoni Ewropeja huma reċipiti fid-Dritt Malti, skond il-ġurisprudenza, pjuttost nutrita tal-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet Umani, il-każ jitlob l-astensjoni tat-tlett imħallfin sedenti f'din il-Qorti;

Din il-ġurisprudenza ddur fuq il-piż ta' l-**imparzjalità tal-Qorti jew Tribunal** li jsemmi l-art. 6(1) tal-Konvenzjoni u hija f'fażi aktarx evoluttiva kif jidher mill-paragun ta' xi sentenzi bħal *Campbell and Fell vs United Kingdom* tat-28 ta' Ġunju, 1984, *Le Compte, Van Leuven and De Meyere vs Belgium* tat-23 ta' Ġunju, 1981, *Albert and Le Compte vs Belgium*, 10 ta' Frar, 1983, *Thorgeir Thorgeirison* vs *Iceland* 25 ta' Ġunju, 1992, u Padovani *vs Italy* tas-26 ta' Frar, 1993 – paragun li jrid jibda minn *Piersack vs Belgium* ta' l-1 ta' Ottubru, 1982. L-insistenza fuq il-**korrettezza** tal-fatti għal kull każ u l-esklużjoni ta' kull approċċ **astratt** għas-soluzzjoni tal-problema, ġiet enfassizata f'*Hauschildt vs Denmark* tad-29 ta' April, 1989, u minn din il-ġurisprudenza, kif intqal, it-tlett imħallfin ta' din il-Qorti qegħdin jastjenu milli jkomplu jieħdu konjizzjoni tal-kawża a bażi tal-**fatt konkret** illi **l-allegazzjoni u pretensjoni** tar-rikorrent hija diretta lejn l-operat tagħhom stess.